

Brussell, 20 ta' Mejju 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0158(NLE)

9352/22
ADD 1

AELE 26
EEE 27
N 33
ISL 19
FL 19
MI 411
BUDGET 9

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 218 final - ANNEX I
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tikkonċerna emenda għall-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 07 20 03 01 – Sigurtà Soċjali)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 218 final - ANNEX I.

Mehmuż: COM(2022) 218 final - ANNEX I



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.5.2022
COM(2022) 218 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE li tikkonċerna emenda għall-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar
kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

(Linja Baġitarja 07 20 03 01 – Sigurtà Soċjali)

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi.
- (2) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-paragrafi 5 u 14 tal-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, il-kliem "is-sena finanzjarja 2021" huwa sostitwit bil-kliem "is-snin finanzjarji 2021 u 2022".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]

Il-President

[\[...\]](#)

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[\[...\]](#)